**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 665/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**VS**

**- Omissis-**
**Letizia Muscat**
**Paul Fava**
**Stephen Fava**
**Shanya Gauci**

**Illum, 16 ta' Diċembru, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkużi kontra:

**Felice Delia**, ta' 56-il sena, imwieled Zabbar, nhar il-21 ta' Gunju 1965 iben Lel u Rita nee` Bugelli, residenti Lantas, Triq il-Bidni, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 307765(M);

**Letizia Muscat**, ta' 22-il sena, imwielda Zabbar nhar it-30 ta' Ottbru 1998, bin Jesmond u Maria nee` Fava u li joqghod ġewwa Blk 8 Bieb 3, Flat 4, Misrah Dorell, St Lucija u detentrici tal-karta tal-idenita` bin-numru 396498(M);

**Paul Fava**, ta' 18-il sena, imwieled Pieta` nhar l-1 ta' Settembru 2002, iben Felic u Maria nee` Fava u li joqghod ġewwa Blk 8 Bieb 3, Flat 4, Misrah Dorell, St Lucija u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 311802(L);

**Stephen Fava**, ta' 20-il sena, imwieled Pieta` nhar is-16 ta' Gunju 2001, iben Felic u Maria nee` Fava u li joqghod ġewwa Blk 8 Bieb 3, Flat 4, Misrah Dorell, St Lucija u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 25140(L); u

**Shanya Gauci**, ta' 19-il sena, imwielda Pieta` nhar it-3 ta' Ottubru 2001, bint Richard u Gaetana nee` Cassar u li toqghod ġewwa Blk K, Flat 6, Triq il-Laqxija, B'Kara, u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numr 389601(L).

Akkuzati talli nhar l-4 ta' Lulju 2021, ghall-habta tas-siegha neqsin kwart ta' wara nofsinhar ta' bil-lejl (12:45hrs) waqt li kienu ġewwa Triq Oleandri St  tal-iLucija, Malta:

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' *Mario Farrugia*, detentur tal-karta tal-idenita` Maltija 203165M, f'periklu car, ikkagunawlu ferita ta' natura gravi skont kif iċċertifikat minn Dr Nicola Lanfranco bin-numru ta' reġistrazzjoni 4089 u dan bi ksr tal-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat huwa aggravat stante li l-offiza gravi saret fuq persuna imsemmija fl-Artikolu 222(1)(a) u 202(h)(vii) tal-istess Kapitolu;

Felice Delia, Stephen Fava u Paul Fava biss talli fl-istess żmien, hin, post ċirkostanzi:

2. Fl-ewwek lok lil ***Felic Delia***, talli kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza nghatat mill-Magistrat Dr N Lia nhar is-16 ta' Lulju 2020, u sussegwentement ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imhallef Dr A Bugeja LL.D. liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;
3. U fit-tieni lok lil ***Stephen Fava u Paul Fava***, kkommttew reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza nghatat mill-Magistrat Dr Simone Grech LL,D. nhar l-10 ta' Dicembru 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex titratta mal-imputati Felic Delia, Paul Fava u Stephen Fava bhala recediva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti (Malta), liema sentenzi saru defenittivi;

Rat ukoll it-talba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tipprovdi ghal ***Mario Farrugia***, jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil ***Felic Delia, Letizia Muscat, Paul Fava, Stephen Fava u Shanya Gauci*** b'obbligazzjoni taghhom infushom taht penali ta' somma ta' flus li tiġi ffiissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal żmien li thoss xieraq;

Rat ukoll it-talba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tohrog Ordni ta' Trattament, ghall-beneficcju ta' **Felic Delia, Letizia Muscat, Paul Fava, Stephen Fava u Shanya Gauci** dan fit-termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Finalment, rat ukoll it-talba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi , todna lill-imsemmija Felic Delia, Letizia Muscat. Paul Fava. Stephen Fava u Shanya Gauci sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-imputazzjonijiet inqraw u ġew ikkonfermati bil-ġurament fis-seduta datata 2 ta' Marzu 2022;

Rat li l-imputati kollha a, rreġistraw ammissjoni fis-seduta datata 16 ta' Diccembru 2024 għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti konta taghhom quddiem din il-Qorti;

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom żmien xieraq biex jekk iridu, jistghu jergghu lura minnha u fil-fatt huma reġghu tennew l-istess ammissjoni taghhom.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputati u in vista tal-verbal magħmul mill-prosekuzzjoni u in vista taċ-ċirkostanzi ma tarax li l-imputati għandhom jingħataw piena ta' priġunerija effettiva.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 214, 215, 216, 218, 221(1)(a) u 202(h)(vii) tal-Kodici Kriminali, Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputati Letizia Musat u Shanya Gauci hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontrihom u tqieghdhom taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal żmien tlett (3) snin mil-lum u ssib lill-imputati Paul Fava u Stephen Fava hatja wkoll tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontrhom u tordna li s-sentenza sospiża moghtija lilhom ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minn din il-Qorti diversament presjeduta per Magistrat Dr Simone Grech datata 10 ta' Dicembru 2019, ghandha terga' tibda tiddekorri mil-lum.**

**Spjegat lill-ħatja Letizia Muscat u Shanya Gauci il-portata ta' din is-sentenza ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u tordna notifika tal-odjerna sentenza u Ordni ta' Probation lid-Direttur tal-Probation Services u Parole.**

**Finalment il-Qoreti spjegat lill-hatja Paul Fava u Stephen Fava il-portata ta' din is-sentenza ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Fabiana Grech**
**Deputat Registratur**